profana, bħal mhi l-istorja tal-ġbejniet.

Hi x'inhi dawn huma kollha fehmiet li kull waħda tista' tkun minnha, imma liema sewwa ma nistgħux ngħidu. Għall-qarrejja naħseb li jkun biżżejjed li jafu li hawn Malta għandna din il-leġġenda li, fil-qalba tagħha, hija sabiħa u tgħaqqadna ma' tradizzjoni mxerrda u qadima sa miż-żmenijiet klassiċi. It-tama tagħna hija li stejjer oħra bħal dawn jitfakkru biex wara jkunu jistgħu jiġu studjati bir-reqqa bħalma ppruvajna nagħmlu hawnhekk f'din il-kitba.

1 Ara I.S. Mifsud, *Biblioteca Maltese* 1764 p. 214.
2 P.P. Castagna, *Lis-Storia ta' Malta bil-Gzejer tahha* (It-Tieni Darba — 'Storia Politica' 1890 p. 143.
3 Ara l-edizzjoni annotata mill-Prof. Ġ. Aquilina (tielet ħarġa, stampat mill-ġdid fl-1968) p. 103. It-tieni edizzjoni ta' dan ir-rumanz ħarġet fl-1912 u kien deher ukoll, biċċa biċċa, fil-ġurnal *L'Unioni Maltija* taħt l-isem *Ix-Xebba ta' Ħal Far* bejn l-1919 u l-1920.
4 A. Cremona, *Il-Fidwa tal-Bdiewa*, Tieni Edizzjoni, 1948, p. 165.
5 Ara l-istudju ta' G. Pitré, *La Leggenda delle città assediate in Sicilia* fil-ktieb tiegħu "Studi di leggende popolari in Sicilia e nuova raccolta di leggende siciliane" Volume Unico. Torino, 1904, pp. 180-181.
6 *Ibid.* p. 178.
7 *Ibid.* p. 181.
8 M. Magri, S.J. *Ix-Xiħ midfun ġol-Għar,* fil-ġabra *Ħrejjef Missirijietna* stampati mill-ġdid fl-1967, pp. 118-122.
9 G. Pitré, *op.cit.* p. 187.
10 E.B. Vella, *Storja ta' Birkirkara bil-Kolleġġjata Tagħha.* 1934, p. 283.
11 J. Cassar Pullicino *The French Occupation in Maltese Tradition* f'"The Sundial" Vol. 4, No. 8 (1948), p. 31.

---

# LILL-BAJJA TA' SAN TUMAS

Qajla fil-ħemda ta' lejla sajfija,
Hemm qalb il-wileġ biswit San Tumas,
Tinżel ix-xemx u tixgħel ħamranija
L-għolja, u warajha togħdos kollha ngħas.

U ġewwa l-għabex imżewwaq b'elf dija,
Bħal ikun wasal il-ħin ta' l-għarrâs,
Isqra fil-għoli jduru geġwiġija,
Friefet egħfiered iħufu bla ras.

Hekk kont ħlomtok San Tumas fit-tfulija,
Meta f'għajnejja ċkejknin kont għożżejtek,
U ġrejt f'kull għalqa, tqallibt f'kull ħamrija.

Dort ma' kull radda qalb qarsu w għollieq.
San Tumas ibqa' kif darba ħabbejtek
Meta f'żiffitek fhimt nifs il-Ħallieq.

RAYMOND VELLA